

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017

P8_TA(2017)0206

Rapport Annwali 2015 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE – Ġlieda kontra l-frodi**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Mejju 2017 dwar ir-Rapport annwali 2015 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – Ġlieda kontra l-frodi (2016/2097(INI))**

(2018/C 307/02)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 325(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rapporti annwali preċedenti tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2016 bit-titolu “Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali 2015 dwar il-ġlieda kontra l-frodi-” (COM(2016)0472) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjawh (SWD(2016)0234, SWD(2016)0235, SWD(2016)0236, SWD(2016)0237, SWD(2016)0238 u SWD(2016)0239),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali 2015 tal-OLAF u r-Rapport tal-Attività 2015 tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2015, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2016 bit-titolu “Il-protezzjoni tal-baġit tal-UE sa tmiem l-2015” (COM(2016)0486),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Erkole III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2013 għal regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (COM(2013)0534),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2012 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (COM(2012)0363),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6.⁽²⁾ ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u segwitu għar-risoluzzjoni CRIM ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-Rapport 2015 dwar id-Diskrepanza tal-VAT ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea u dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2016 dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT (COM(2016)0148),
 - wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Kawża C-105/14, *Taricco et* ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 24/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-3 ta' Marzu 2016 bit-titolu "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni",
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-rwol tal-informaturi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0159/2017),
- A. billi, *de jure*, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom responsabbiltà kondiviża għall-implimentazzjoni ta' madwar 80 % tal-baġit tal-Unjoni; billi, *de facto*, madankollu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jonfqu dawk ir-riżorsi huma responsabbli biex tingħata ħarsa ġenerali lejn dawk il-proġetti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġhota ta' ċertu livell ta' kontroll; billi l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-ġbir tar-riżorsi proprji, fost l-oħrajn fl-għamla ta' VAT u dazji doganali;
- B. billi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE jenħtieġ li tkun element ewlieni tal-politika tal-UE biex tiżded il-fiduċja taċ-ċittadini billi jiġi żgurat li flushom jintużaw b'mod xieraq u skont l-approċċ "l-aħjar użu minn kull euro";
- C. billi l-kisba ta' prestazzjoni tajba permezz ta' proċessi ta' simplifikazzjoni tinvolvi l-valutazzjoni regolari tal-inputs, l-outputs, l-eżiti/ir-riżultati u l-impatti permezz ta' awditi tal-prestazzjoni;
- D. billi l-Artikolu 325(2) tat-TFUE jgħid li l-Istati Membri "għandhom jieħdu l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħalma jieħdu sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom stess";
- E. billi l-Artikolu 325(3) tat-TFUE jgħid li l-Istati Membri "għandhom jorganizzaw, flimkien mal-Kummissjoni, koperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti";
- F. billi d-diversità li teżisti fis-sistemi ġuridiċi u amministrattivi fl-Istati Membri tippreżenta ambjent diffiċli biex jingħelbu l-irregolaritajiet u tiġi miġġielda l-frodi; u billi jenħtieġ li l-Kummissjoni, għaldaqstant, iżżid l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-ġlieda kontra l-frodi tiġi implimentata b'mod effikaċi u tipproduċi riżultati aktar tanġibbli u aktar sodisfaċenti;
- G. billi l-użu ta' data sensittiva qed jidher b'mod dejjem iżjed ċar bħala fattur li qed jikkontribwixxi għal frodi;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0403.

⁽²⁾ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

⁽³⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-8 ta' Settembru 2015, *Taricco et*, C-105/14, ECLI:EU:C:2015:555.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2017)0022.

⁽⁵⁾ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

It-Tlieta 16 ta' Meju 2017

- H. billi l-VAT tikkostitwixxi sors ta' dħul importanti u dejjem akbar għall-Istati Membri, u rendiet kważi EUR 1 triljun fl-2014, filwaqt li kkontribwiet EUR 17 667 miljun għar-riżorsi proprji tal-UE jew 12,27 % tad-dħul totali tal-UE fl-2014;
- I. billi s-sistema attwali tal-VAT, b'mod partikolari kif applikata għal tranżazzjonijiet transfruntiera, hija vulnerabbli għal strateġiji ta' frodi u ta' evitar tat-taxxa, fejn il-frodi MTIC (Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes, magħrufa bħala frodi karusell) waħedha kienet responsabbli għal telf ta' madwar EUR 50 biljun mid-dħul tal-VAT fl-2014;
- J. billi d-diskrepanza tal-VAT tammonta għal madwar EUR 159,9 biljun fl-2014 u tvarja minn inqas minn 5 % għal aktar minn 40 % skont il-pajjiż ikkunsidrat;
- K. billi l-korruzzjoni taffettwa lill-Istati Membri kollha, partikolarment fl-għamla ta' kriminalità organizzata, u mhux biss tqiegħed piż fuq l-ekonomija tal-UE, iżda ddgħajef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Ewropa kollha; billi, madankollu, iċ-ċifri eżatti mhumiex magħrufa, peress li l-Kummissjoni ddeċidiet li ma tippubblikax id-data fir-rapport dwar il-politika tal-UE kontra l-korruzzjoni;
- L. billi l-frodi hija eżempju ta' għemil ħażin intenzjonat u tikkostitwixxi reat kriminali, u billi kwalunkwe irregolarità hija nuqqas ta' konformità ma' regola;
- M. billi l-fluttwazzjoni fl-għadd ta' irregolaritajiet tista' tkun marbuta mal-progressjoni taċ-ċikli ta' programmazzjoni pluriennali (b'livelli ogħla ta' individwazzjoni fi tmiem iċ-ċikli minħabba l-għeluq tal-programmi) kif ukoll ma' rapportar tard min-naħa ta' ċerti Stati Membri li għandhom it-tendenza jirrapportaw il-biċċa l-kbira tal-irregolaritajiet tal-programmi pluriennali preċedenti f'daqqa;

L-individwazzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet

1. Jinnota bi tħassib li l-għadd totali ta' irregolaritajiet frodulent u mhux frodulent rrapportati fl-2015 żdied b'mod sinifikanti, b'36 %, li wassal għal żieda ta' 5 876 każ fl-għadd ta' irregolaritajiet reġistrati meta mqabbel mal-2014 u li jammonta għal 22 349 każ minħabba ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni f'żewġ Stati Membri; jinnota li għalkemm fl-2015 l-għadd ta' irregolaritajiet żdied, is-somma involuta (EUR 3,21 biljun) naqset bi ftit, b'1 %, meta mqabbla mal-2014 (EUR 3,24 biljun);
2. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li minkejja t-tnaqqis pożittiv ta' 11 % fl-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulent, minn 1 649 fl-2014 għal 1 461 fl-2015, l-ammonti involuti żdiedu bi 18 % minn EUR 538 miljun fl-2014 għal EUR 637,6 miljun fl-2015; jinnota li dokumenti u dikjarazzjonijiet foloz jew iffalsifikati kkostitwew l-aktar tipi komuni ta' frodi, fl-ammont ta' 34 %, filwaqt li l-akbar proporzjon ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulent (52 %) kien fis-settur agrikolu, u l-ogħla perċentwal ta' individwazzjoni totali ta' irregolaritajiet frodulent (75 %) sar mis-sistemi ta' kontroll amministrattivi previsti fir-regolamenti speċifiċi għas-settur;
3. Jirrimarka li mhux l-irregolaritajiet kollha huma frodulent u li għandha ssir distinzjoni ċara bejn l-iżbalji u l-frodi;
4. Huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-qasam tal-individwazzjoni ta' frodi mhijiex effikaċi biżżejjed;
5. Ma jaqbilx mal-fehma tal-Kummissjoni li żieda ta' 14 % fir-riżorsi disponibbli fil-baġit tal-UE minn sena għal oħra tista' tiġġustifika ż-żieda ta' 36 % fl-għadd ta' irregolaritajiet;
6. Jilqa' l-pakkett ta' erba' regolamenti delegati u erba' regolamenti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar ta' dispożizzjonijiet dwar l-irregolaritajiet fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża, li għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u l-konsistenza tal-informazzjoni dwar l-irregolaritajiet u l-frodi rrapportati mill-Istati Membri; jiddispijaċih li dawn ir-regolamenti ma jirregolawx l-iskadenzi li fihom l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jirrapportaw l-irregolaritajiet; jiddeplora l-fatt li, fl-2015, f'dak li għandu x'jaqşam ma' irregolaritajiet mhux frodulent, 537 minn 538 irregolarità rrapportati mill-Irlanda kienu relatati mal-programm ta' rapportar storiku 2000-2006 u li 5 105 minn 5 619-il irregolarità rrapportati minn Spanja kienu relatati ma' irregolaritajiet fis-settur tal-politika ta' koeżjoni individwati matul il-perjodu kollu bejn l-2007 u l-2013, u li ġew rrapportati lkoll flimkien fl-2015, u li n-Netherlands irrapportaw każ wieħed biss relatat

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017

mas-settur tas-sajd fl-2014 meta mqabbel ma' 53 każ fl-2015; jenfasizza li s-sitwazzjoni fejn l-Istati Membri ma jitrażmettux id-data b'mod f'waqtu jew jipprovdu data mhux preċiża ilha tirrepeti ruħha għal ħafna snin; jenfasizza li jirriżulta impossibbli li jsiru paraguni u valutazzjoni oġġettiva tal-iskala tal-frodi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

7. Jinnota li skont l-Artikolu 27(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, "il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport kull ħames snin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim tal-arranġamenti stabbiliti minn din id-Direttiva"; jiddispaċiħ li l-evalwazzjoni skedata għal mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017 għadha ma ġietx ippubblikata; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-evalwazzjoni mingħajr dewmien;

8. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżviluppa programmi bħal REFIT sabiex tissimplifika l-leġiżlazzjoni tal-UE; jisħaq li s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tgħin biex jonqos l-għadd ta' irregolaritajiet, li ħafna drabi jkunu marbutin ma' regoli u rekwiżiti kumplessi; jinnota li piż amministrattiv imnaqqas jikkostitwixxi ffrankar ta' spejjeż għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u ċ-ċittadini tal-UE u jinkoraġġixxi wkoll lill-benefiċjarji jidħlu fi programmi ġodda tal-UE; jenfasizza li s-simplifikazzjoni tar-regoli għandha tkun konsistenti mal-prinċipju ta' baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati;

9. Ifakkar li l-Istati Membri jamministraw madwar 80 % tal-baġit tal-UE; iqis, għaldaqstant, li l-Kummissjoni jeħtieġ tgħinhom joħlqu strateġiji nazzjonali kontra l-frodi;

10. Jiddispaċiħ li mhux l-Istati Membri kollha adottaw strateġiji nazzjonali kontra l-frodi;

11. Jistieden għal darb'oħra lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema uniformi għall-ġbir ta' data komparabbli dwar irregolaritajiet u każijiet ta' frodi mill-Istati Membri sabiex tistandardizza l-proċess ta' rapportar u tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tad-data pprovduta;

12. Jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2015/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015, li tejjeb il-qafas attwali għall-individwazzjoni u l-investigazzjoni ta' frodi doganali fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali;

13. Japprezza l-isforzi li saru min-naħa tal-Istati Membri biex jindivdwar, jevalwaw u jirrapportaw l-irregolaritajiet u jimplimentaw miżuri effikaċi u proporzjonati kontra l-frodi; jenfasizza li l-azzjoni biex tiġi miġġielda l-frodi tgħin biex tingħata spinta lill-iżvilupp; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tagħmel użu minn assistenza teknika sabiex tgħin fit-tisħiħ tal-kapaċità teknika u amministrattiva tal-awtoritajiet maniġerjali bil-għan li jiġu żgurati sistemi ta' kontroll effikaċi, fosthom billi tintroduċi applikazzjonijiet aktar sempliċi u aktar trasparenti li jkunu kapaċi jnaqqsu r-riskji ta' frodi u jiggwarantixxu li kwalunkwe telf ikun jista' jiġi rkuprat; jirrakkomanda li tittejjeb it-trasparenza fil-livelli kollha tal-ġestjoni tal-proġetti; ihegġegħ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu mexjin f'din id-direzzjoni billi jinkorporaw b'mod gradwali l-użu sistematiku ta' għodod tal-IT fis-sistemi u l-proċeduri ta' kontroll tagħhom bil-għan li jiġġieldu l-irregolaritajiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni tfassal u tadotta linji gwida speċjali biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jindivdwar irregolaritajiet;

Id-dħul – riżorsi proprji

14. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-telf minħabba d-diskrepanza tal-VAT u l-frodi intra-Komunitarja tal-VAT, responsabbli għal EUR 159,5 biljun u EUR 50 biljun rispettivament fi dħul mitluf fl-2014; jinnota li żewġ Stati Membri biss – ir-Renju Unit u l-Belġju – jiġbru u jiddisseminaw statistika dwar telf ta' dħul minħabba frodi transfruntiera tal-VAT;

15. Jirrimarka li l-Kummissjoni m'għandhiex aċċess għall-informazzjoni skambjata bejn l-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra Frodi Intra-Komunitarja b'Negozjant Nieqes (MTIC), magħrufa bħala frodi karusell; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-Eurofisc, sabiex ikun hemm kontroll, valutazzjoni u titjib fl-iskambju ta' data fost l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri kollha jipparteċipaw fl-oqsma kollha tal-attività tal-Eurofisc sabiex jiġi ffaċilitat u jitħaffef l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi bħalma huma l-

Europol u l-OLAF, kif rakkomandat mill-Qorti tal-Awdituri; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kunsill jagħtu aċċess lill-Kummissjoni għal din id-data sabiex titrawwem il-kooperazzjoni, tissaħħaħ l-affidabbiltà tad-data u tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera;

16. Jinnota li s-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT (VIES) tat prova li hija għodda utli fil-ġlieda kontra l-frodi billi tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jarmonizzaw id-data dwar l-operaturi tas-suq fil-pajjiżi kollha; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-ħinjiet ta' rispons għall-ġhotti ta' informazzjoni, it-tweġibiet għall-mistoqsijiet u r-reazzjoni għall-iżbalji indikati, kif rakkomandat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

17. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar "il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE", ippubblikat fis-7 ta' April 2016; jiddispijaċih ferm li l-pubblikazzjoni tal-"Miżuri biex itejbu l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll mal-korpi tad-dwana u tal-infurzar tal-liġi u biex isaħħu l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa" previsti fil-pjan ta' azzjoni għall-2016 se jiġu posposti b'sena; jenfasizza li l-problemi relatati mal-frodi transfruntiera tal-VAT jeħtieġu miżuri b'saħħithom, koordinati u mgħaġġla; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tħaffef il-proċeduri tagħha u tressaq soluzzjonijiet sabiex jiġi evitat it-telf ta' dħul mit-taxxa fl-UE u fl-Istati Membri;

18. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-miżuri fuq terminu qasir għall-ġlieda kontra t-telf mill-VAT m'għandhiex iddewwem il-proposta tal-Kummissjoni għal sistema definittiva tal-VAT kif previst fil-pjan ta' azzjoni;

19. Jinnota b'ċertu sodisfazzjon li ż-żieda fl-ammont ta' riżorsi proprji tradizzjonali (TOR) affettwati mill-frodi fl-2014 kienet kwistjoni ta' sena waħda u li l-livelli tal-2015 (EUR 427 miljun) reġġu lura għall-medja tas-sinjuri 2011-2015; huwa ddispijaċut, madankollu, li xi wħud mill-Istati Membri ma jikkomunikaw ebda każ ta' irregolaritajiet marbuta mat-TOR;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirkupraw l-ammonti ta' TOR dovuti aktar malajr, speċjalment dawk l-Istati Membri li jeħtieġu jirkupraw l-akbar ammonti; iħeġġeġ lill-Greċja, ir-Rumanija, il-Latvja, Malta u n-Netherlands itejbu l-ġbir tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mat-TOR, peress li r-rata ta' TOR dovuti lilhom għadha ogħla sew mill-medja tal-UE ta' 1,71 % u hija ta' 8,95 %, 5,07 %, 5,04 %, 3,84 % u 3,81 % rispettivament;

21. Jinnota li l-għadd ta' każijiet ta' irregolaritajiet li ġew irrapportati b'mod volontarju qed jiżdied, u jistieden lill-Istati Membri jaġġustaw l-ispezzjonijiet tad-dwana tagħhom kif xieraq, billi jqisu r-riżultati ta' rapportar volontarju;

22. Jieħu nota partikolari tal-fatt li 75 % tal-każijiet kollha rrapportati bħala frodulent i jkkonċernaw merkanzija bħala tabakk, makkinarju elettriku, żraben, tessuti, ħadid u azzar u li ċ-Ċina, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Istati Uniti, il-Belarusja, ir-Russja u l-Ukrajna huma rrapportati bl-aktar mod frekwenti bħala l-pajjiżi ta' oriġini ta' din il-merkanzija; jenfasizza li ċ-Ċina hija l-pajjiż ta' oriġini primarju (80 %) għal prodotti foloz, segwita minn Hong Kong, l-Emirati Għarab Magħquda, it-Turkija u l-Indja; jitlob lill-Kummissjoni tqajjem dawn il-problemi matul in-negozjati kummerċjali ma' dawn il-pajjiżi;

23. Jenfasizza l-fatt li l-kuntrabandu ta' prodotti intaxxati ħafna jikkawża telf ta' dħul sinifikanti għall-baġits tal-UE u tal-Istati Membri, u li huwa smat li t-telf dirett mid-dħul doganali bħala riżultat tal-kuntrabandu tas-sigaretti waħdu jammonta għal aktar minn EUR 10 biljun kull sena;

24. Jinnota bi tħassib li l-kuntrabandu tat-tabakk lejn l-UE sar aktar intensiv f'dawn l-aħħar snin u, skont l-istimi, jirrappreżenta telf annwali ta' EUR 10 biljun fi dħul pubbliku għall-UE u għall-baġits tal-Istati Membri u fl-istess ħin huwa sors ewlieni tal-kriminalità organizzata, inkluż it-terroriżmu; jenfasizza li l-kummerċ illeċitu tat-tabakk jikkawża ħsara serja kemm għall-kummerċ legali u kemm għall-ekonomija nazzjonali; jinnota wkoll li proporzjon konsiderevoli ta' tabakk bil-kuntrabandu joriġina fil-Belarusja; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħmlu pressjoni fuq il-Belarusja biex issir ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk u l-kriminalità organizzata, u jiġu introdotti sanzjonijiet jekk ikun hemm bżonn; jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam;

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017

25. Jieħu nota pożittiva tal-eżiti ta' suċċess ta' diversi operazzjonijiet doganali konġunti (JCOs) bl-involvement tal-kooperazzjoni tal-OLAF u l-Istati Membri ma' diversi servizzi ta' pajjiżi terzi, li rriżultaw fil-qbid, fost l-oħrajn, ta' 16-il miljun sigarett u 2 tunnellati ta' kannabis; jinnota li fl-operazzjoni Baltica, immexxija mill-awtoritajiet doganali Pollakki f'kooperazzjoni mal-OLAF, l-Europol u ħames Stati Membri (il-Finlandja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Lżvezja), inqabdu 13-il miljun sigarett li kienu ġejjin minn pajjiżi terzi bħall-Belarussja u r-Russja;

26. Jieħu nota tal-241 każ ta' sigaretti ttraffikati rrapportati, li jinvolvu telf ta' TOR smat għal EUR 31 miljun; jesprimi dubji dwar il-viġilanza tas-servizzi doganali ta' ċerti Stati Membri li għadhom ma rrapportaw l-ebda każ wieħed ta' kuntrabandu ta' sigaretti fl-2015;

27. Jinnota li kontrolli doganali mwettqa fil-ħin tal-iżdoganar tal-merkanzija u spezzjonijiet mis-servizzi ta' kontra l-frodi kienu l-aktar metodi li kellhom suċċess fl-individwazzjoni ta' każijiet frodulentu fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE fl-2015;

28. Jesprimi tħassib profond dwar il-fatt li tnaqqis fil-persunal tad-dwana jista' jinfluwenza b'mod negattiv l-għadd ta' kontrolli, u għalhekk ikollu impatt negattiv fuq l-individwazzjoni ta' azzjonijiet frodulentu fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE;

29. Itenni li kontrolli doganali effikaċi jikkostitwixxu element ewlieni fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u li miżuri baġitarji m'għandhomx jimpedixxu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri milli jwettqu l-missjonijiet tagħhom;

30. Jesprimi tħassib fir-rigward tal-kontrolli doganali u l-ġbir tad-dazji doganali relatati, li jikkostitwixxu riżorsa proprja għall-baġit tal-UE; jirrimarka li l-ispezzjonijiet biex jiġi vverifikat li l-importaturi jkunu konformi mar-regoli dwar it-tariffi u l-importazzjoni jitwettqu mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri stess, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ispezzjonijiet fil-fruntieri tal-UE jkunu xierqa u armonizzati, sabiex jiġu ggarantiti s-sigurtà, is-sikurezza u l-interessi ekonomiċi tal-UE, u jitlobha timpenja ruħha biex tiġġieled b'mod partikolari l-kummerċ fmerkanzija illegali u ffalsifikata;

31. Jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-Istati Membri għandhom jilhqqu bilanċ tajjeb bejn l-iffaċilitar tal-kummerċ u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; jirrimarka, f'dan ir-rigward, il-proċeduri fast-lane tal-awtoritajiet doganali għal kumpaniji li huma meqjusa ta' riskju baxx, li fiha nfisha tista' tkun sistema tajba biex jiġi mgħaġġel l-iżdoganar tal-merkanzija iżda wriet li hija vulnerabbli għal Prattiki ta' korruzzjoni mill-uffiċjali tad-dwana;

L-infiq

32. Jirrikonoxxi r-rata baxxa ta' irregolaritajiet irrapportati (kemm frodulentu kif ukoll mhux frodulentu) b'rabta mal-fondi ġestiti direttament mill-Kummissjoni, li hija taħt iż- 0,7 %; jitlob lill-Kummissjoni informazzjoni aktar dettaljata dwar l-irkupri minn residenti legali ta' pajjiżi terzi ta' fondi tal-UE ġestiti ħażin taħt il-ġestjoni diretta tal-Kummissjoni;

33. Jinnota li l-għadd ta' irregolaritajiet relatati mal-infiq irrapportati bħala frodulentu naqas b'10 % fl-2015;

34. Jinnota li l-irregolaritajiet frodulentu u mhux frodulentu individwati fuq in-naħa tal-infiq jirrappreżentaw 1,98 % tal-pagamenti mill-baġit tal-UE fl-2015;

35. Jinnota li l-għadd ta' irregolaritajiet frodulentu rrapportati fl-2015 għar-riżorsi nazzjonali fuq in-naħa tal-infiq tal-baġit kien ta' 14 % inqas milli kien fl-2014, u li l-ammont involut kien 8 % ogħla; jesprimi tħassib dwar il-fatt li f'dan is-settur l-għadd ta' irregolaritajiet mhux frodulentu fl-2015 żdied bi 28 %, u l-ammont affettwat b'44 %;

36. Jesprimi tħassib profond dwar il-fatt li l-għadd ta' irregolaritajiet frodulentu u mhux frodulentu rrapportati u relatati mal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ilu jiżdied kull sena għal mill-inqas ħames snin konsekuttivi, u l-għadd ta' każijiet irrapportati żdied minn 1 970 fl-2011 għal 4 612 fl-2015; jinnota, madankollu, li l-irregolaritajiet li jikkonċernaw il-FAEG baqgħu stabbli maż-żmien (+6 % meta mqabbel mal-2014 u 10 % mal-2011), u li dawk relatati mal-FAEŻR komplew jiżdiedu b'mod kostanti; josserva li l-ammont finanzjarju involut naqas minn EUR 211-il miljun fl-2011 għal EUR 119-il miljun fl-2012, iżda żdied b'mod kostanti għal

It-Tlieta 16 ta' Meju 2017

EUR 394 miljun fl-2015, filwaqt li l-livell ta' irregolaritajiet mhux frodulenti rrapportati li għandhom x'jaqsmu mal-FAEŻR resaq qrib it-2 % tal-fond sħiħ; ihegġegħ lill-Istati Membri bl-ogħla għadd ta' irregolaritajiet irrapportati – ir-Rumanija, l-Italja, Spanja, il-Polonja, l-Unġerija, il-Portugall u l-Litwanja – jirregolaw is-sitwazzjoni b'mod urġenti u effiċjenti biex ireġġgħu lura din it-tendenza;

37. Jiddispijaċih li aktar minn żewġ terzi tal-livell smat ta' żbalji fl-infiq tal-FEŻR għall-2015 kienu kkawżati min-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn li jiġġustifikaw in-nefqa u n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku; jirrimarka li, biex il-monitoraġġ ikun effikaċi, hemm bżonn trasparenza sħiħa, inkluż fir-rigward tas-sottokuntratturi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet immedjatament; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja u tevalwa t-traspożizzjoni tad-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE dwar l-akkwist pubbliku fil-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-aktar fis possibbli;

38. Jesprimi tħassib dwar id-differenza fl-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati mid-diversi Stati Membri; jirrimarka li għadd kbir ta' irregolaritajiet irrapportati jista' jkun ukoll minħabba li s-sistema tal-ispezzjonijiet nazzjonali jkollha kapaċità akbar biex tinterċetta u tindividwa l-irregolaritajiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tagħmel kull sforz biex tappoġġja lill-Istati Membri jżidu l-livell u l-kwalità tal-ispezzjonijiet, inkluż permezz tas-Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS), u t-tlestija tat-twaqqif ta' strateġija nazzjonali kontra l-frodi (NAF) fl-Istati Membri kollha;

39. Jilqa' l-fatt li sa tmiem l-2015 sitt Stati Membri kienu adottaw strateġija nazzjonali kontra l-frodi, u jstieden lill-Istati Membri li fadal ilestu l-proċessi ta' adozzjoni attwali tagħhom malajr u jiżviluppaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom kontra l-frodi;

40. Jesprimi tħassib profond dwar il-fatt li, fl-2015, l-irregolaritajiet frodulenti u mhux frodulenti marbuta mal-Politika Komuni tas-Sajd irduppjaw mill-2014, u dan l-għadd huwa l-ogħla li qatt ġie rrapportat – 202 każijiet (19 frodulenti u 183 mhux frodulenti) – bl-involviment tas-somma ta' EUR 22,7 miljun (EUR 3,2 miljun għal każijiet frodulenti);

41. Jenfasizza li s-simplifikazzjoni tar-regoli amministrattivi għandha tnaqqas l-ammont ta' irregolaritajiet mhux frodulenti, tgħin biex jiġu identifikati każijiet frodulenti u tagħmel il-fondi tal-UE aktar aċċessibbli għall-benefiċjarji;

42. Jiddeplora l-fatt li l-politika ta' koeżjoni rrapportat żieda qawwija fl-għadd ta' irregolaritajiet mhux frodulenti, li bejn is-sena 2014 u l-2015 żdiedu b'104 % għall-perjodi ta' programmazzjoni qabel l-2007-2013 u b'108 % għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013; jinnota, madankollu, li l-ammonti finanzjarji involuti għal irregolaritajiet mhux frodulenti żdiedu b'mhux aktar minn 9 % fl-2015 meta mqabbla mal-2014; jiddeplora l-fatt, barra minn hekk, li l-għadd ta' irregolaritajiet frodulenti fl-2015 żdied b'21 %, u l-ammont involut b'74 %;

43. Iqis li l-valutazzjoni komparattiva tad-data li tinsab fir-rapport annwali ma' data komparabbli dwar l-iskemi ta' nfiq nazzjonali, inklużi skemi dwar l-irregolaritajiet u l-frodi, tista' tgħin fit-tfassil ta' konklużjonijiet immirati dwar l-infiq tal-politika ta' koeżjoni, inkluż dwar il-ħtiġijiet tal-bini ta' kapaċità;

44. Jirreferi, f'dan ir-rigward, għar-Rapport Speċjali Nru 10/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li fih irrakkomandat, fost l-oħrajn, li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jinvestu f'analiżi sistematika ta' żbalji fl-akkwist pubbliku, u jstieden lill-Kummissjoni tippreżenta din l-analiżi dettaljata lill-Parlament Ewropew; jstieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, tesprimi l-fehmiet tagħha dwar żbalji rikorrenti u tispjega għaliex dawn l-iżbalji ma jkunux ikkunsidrati bħala indikazzjonijiet ta' attivitajiet potenzjalment frodulenti; jstieden lill-Kummissjoni tiffinalizza malajr Gwida dwar l-akkwist pubbliku skont id-Direttiva li għadha kif ġiet adottata dwar l-akkwist pubbliku;

45. Jinnota li trasparenza sħiħa fil-kontabilità għall-infiq hija fundamentali, speċjalment fir-rigward ta' xogħlijiet ta' infrastruttura ffinanzjati direttament permezz tal-fondi jew l-istrumenti finanzjarji tal-UE; jstieden lill-Kummissjoni tipprevedi li ċ-ċittadini tal-UE jkollhom aċċess sħiħ għal informazzjoni dwar proġetti ta' kofinanzjament;

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017

46. Jitlob spjegazzjonijiet dettaljati mill-Kummissjoni dwar ir-raġunijiet għal-livell għoli ta' każijiet frodulenti fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (R&TD), l-innovazzjoni u l-intraprenditorija li żdiedu minn 6 għal 91 każ irrapportati kull sena fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u li jirrappreżentaw somma ta' EUR 263 miljun, li tikkostitwixxi aktar minn 20 % tal-każijiet ta' frodi rrapportati fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni;

47. Jilqa' t-tnaqqis kumplessiv fl-irregolaritajiet irrapportati fl-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni; jinnota madankollu li n-numru ta' irregolaritajiet fl-Istrument għal Qabel l-Adeżjoni (IPA I) qed jikber b'mod kostanti, u li t-Turkija hija l-kontributur ta' 46 % tal-każijiet li jirrappreżentaw 83 % tas-somom ta' irregolaritajiet irrapportati; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-applikazzjoni tal-prinċipju "aktar għal aktar" fis-sens negattiv tiegħu ("anqas għal anqas"), minħabba s-sitwazzjoni politika attwali fit-Turkija li toħloq theddida diretta għall-kapaċitajiet ta' assorbiment tal-pajjiż;

Il-problemi identifikati u l-miżuri meħtieġa*Rapportar aħjar*

48. Jiddispjaċih li, minkejja d-diversi talbiet tal-Parlament biex jinħolqu prinċipji uniformi għar-rapportar fl-Istati Membri kollha, is-sitwazzjoni għadha mhijiex waħda sodisfaċenti u għad hemm differenzi sinifikanti fl-għadd ta' irregolaritajiet frodulenti u mhux frodulenti rrapportati minn kull Stat Membru; iqis li din il-problema toħloq stampa konfuża tas-sitwazzjoni reali rigward il-livell ta' ksur u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tagħmel sforzi serji sabiex tarmonizza l-approċċi differenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni, l-individwazzjoni u r-rapportar ta' irregolaritajiet, u l-interpretazzjonijiet mhux omoġenji fl-applikazzjoni tal-qafas legali tal-UE; jappella għall-ħolqien ta' sistema ta' rapportar uniformi;

49. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa sistema li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu skambju ta' informazzjoni, li jippermetti l-kontroverifika tar-rekords kontabilistiċi għal tranżazzjonijiet bejn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex tiġi evitata l-frodi transfruntiera fir-rigward tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, biex b'hekk jiġi żgurat approċċ trasversali u totali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Istati Membri;

50. Jiġbed l-attenzjoni għall-konklużjonijiet tal-proġett ta' kooperazzjoni ffinanzjat permezz tal-programm Erkole III fis-settur ta' kontra l-frodi, li fih il-Kummissjoni hija mħeġġa tippreżenta proposta leġiżlattiva speċifika dwar l-assistenza amministrattiva reċiproka rigward il-Fondi Strutturali u ta' Investiment, billi strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ta' dan it-tip huwa meħtieġ sabiex jiġu evitati r-riskji ta' miżapproprjazzjoni kriminali, bl-evalwazzjoni intermedja li għaddeja bħalissa dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) bħala punt tat-tluq;

51. Jirrimarka li f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħal pereżempju l-użu ta' fondi għar-rifuġjati, sikwit ikun hemm eżenzjonijiet minn proċeduri normali ta' akkwist, li jinvolvu aċċess dirett għall-fondi; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod aktar effikaċi l-użu ta' dawn l-eżenzjonijiet u l-prattika mifruxa ta' qsim ta' kuntratti ta' akkwist sabiex ma jinqabżux il-limiti minimi u b'hekk jiġu evitati proċeduri tal-akkwist regolari;

52. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-approċċ tagħha li tirrakkomanda t-tiżiħ tal-ħidma tal-Istati Membri li għadhom jirrapportaw għadd baxx ħafna ta' irregolaritajiet frodulenti, b'rabta mal-individwazzjoni u/jew ir-rapportar tal-frodi;

53. Jieħu nota pożittiva taż-żieda fl-ammont ta' data ppubblikata mill-Kummissjoni dwar irregolaritajiet frodulenti u mhux frodulenti u dwar il-kwalità tal-evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati;

54. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw bis-sħiħ id-Direttiva tal-UE dwar il-ħasil tal-flus, bl-introduzzjoni ta' reġistru pubbliku tas-sjieda benefiċjarja tal-kumpaniji u anke tat-trusts;

55. Jirrimarka li ħafna Stati Membri m'għandhomx liġijiet speċifiċi kontra l-kriminalità organizzata, għalkemm l-involvement tagħha f'attivitajiet transfruntiera u f'setturi li jolqtu l-interessi finanzjarji tal-UE, bħalma huma l-kuntrabandu u l-falsifikazzjoni tal-flus, qed jikber b'mod kostanti; iqis li huwa essenzjali li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri stabbiliti fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata ⁽¹⁾;

56. Jenfasizza li l-prevenzjoni għandha tinvolvi taħriġ u appoġġ kostanti għall-persunal responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi fl-awtoritajiet kompetenti kif ukoll skambji ta' informazzjoni u prattiki tajba fost l-Istati Membri; jirrimarka r-rwol deċiżiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet ikkonċernati fil-ġlieda kontra l-frodi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri josservaw id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-kundizzjonalitajiet *ex ante* fil-politika ta' koeżjoni, partikolarment fil-qasam tal-akkwist pubbliku; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fl-oqsma enfasizzati fir-rapport annwali tal-Kummissjoni, b'mod partikolari rigward l-akkwist pubbliku, il-kriminalità finanzjarja, il-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u d-definizzjoni ta' frodi;

57. Jirrakkomanda t-teħid ta' passi biex tittejjeb l-adozzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni għall-2014-2020 fil-kontest tal-qafas regolatorju għal wara l-2020 għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej bħala għodda biex jitnaqqas ir-riskju ta' irregolaritajiet li jirriżultaw minn żbalji; jenfasizza l-importanza li jiġi applikat il-prinċipju ta' awditu uniku; jemmen li s-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri tgħin fit-tnaqqis ta' irregolaritajiet mhux frodulenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom jikkondividu l-aħjar prattiki f'dan ir-rigward, filwaqt li dejjem titqies il-ħtieġa ta' bilanċ xieraq bejn l-għodod ta' viġilanza u proċeduri simplifikati;

Kontrolli aħjar

58. Jilqa' l-fatt li l-"kontrolli Komunitarji" *ex ante* u *ex post* qegħdin jindividwaw aktar u aktar każijiet ta' irregolaritajiet; iqis, madankollu, li l-prevenzjoni hija aktar faċli mill-irkupru tat-telf u li għandha dejjem tiġi prevista valutazzjoni indipendenti *ex ante* tal-proġetti li jkunu se jiġu ffinanzjati; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għaldaqstant, iwettqu aħjar il-kontrolli *ex ante* bl-assistenza tal-Kummissjoni u jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli biex jiġu evitati żbalji u pagamenti irregolari relatati mal-fondi tal-UE; ifakkar, f'dan ir-rigward, li r-restrizzjonijiet baġitarji ma jistgħux jiġu invokati bħala raġunijiet għat-tnaqqis tal-persunal iddedikat għal dawn il-kontrolli *ex ante*, peress li l-prevenzjoni tal-irregolaritajiet tħallas għaliha nfisha;

59. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ ir-rwol superviżorju tagħha permezz ta' attivitajiet ta' awditjar, kontroll u spezzjoni, pjanijiet ta' azzjoni ta' rimedju u ittri ta' twissija bikrija bil-ħsieb li jitnaqqsu l-irregolaritajiet;

60. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonserva l-politika stretta tagħha dwar l-interruzzjoni u s-sospensjoni ta' pagamenti bħala miżura ta' prevenzjoni kontra l-irregolaritajiet li jaffettwaw il-baġit tal-UE, skont il-bażi ġuridika rilevanti;

61. Jappoġġja l-programm Erkole III, li huwa eżempju tajjeb tal-approċċ "l-aħjar użu minn kull euro"; jenfasizza l-importanza ta' dan il-programm u l-kontribuzzjoni tiegħu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet doganali biex tiġi sorveljata l-kriminalità transfruntiera u jiġi evitat li merkanzija ffalsifikata u b'kuntrabandu tasal fl-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni tagħti evalwazzjoni interim tar-riżultati miskuba fil-qafas ta' Erkole III f'termini tal-oġġettivi tiegħu u tagħmel monitoraġġ tal-użu u l-effikaċja tal-għotjiet maħruġa;

62. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li l-użu tal-għodda ta' evalwazzjoni tar-riskji Arachne jkun obligatorju għall-Istati Membri kollha sabiex jiżiedu l-miżuri kontra l-frodi;

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u segwitu għar-riżoluzzjoni CRIM (Testi adottati, P8_TA(2016)0403); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu (ĠU C 208, 10.6.2016, p. 89).

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017

63. Jistenna bil-ħerqa l-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni fl-2018 bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk l-istruttura regolatorja l-ġdida għall-politika ta' koeżjoni tevitax u tnaqqasx ulterjorment ir-riskju ta' irregolaritajiet inkluża l-frodi, u huwa ħerqan ukoll li jirċievi informazzjoni dettaljata dwar l-impatt tar-regoli l-ġodda dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, kemm fir-rigward tar-riskju ta' irregolaritajiet u frodi kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni ġenerali tal-politika;

64. Huwa tal-fehma li s-sistema ta' kontroll finanzjarju tal-Fondi ta' Koeżjoni jeħtieġ tiġi evalwata qabel l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid (QFP) sabiex jiġu korretti n-nuqqasijiet tas-sistema;

65. Jenfasizza li fil-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li se ssir fl-2018, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi evitat u mnaqqas ir-riskju ta' irregolaritajiet, inklużi dawk frodulenti; jiddispijaċih li l-proċeduri kumplessi qed jagħmlu l-finanzjament permezz tal-fondi tal-UE inqas attraenti; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza l-benefiċċji li jiġu introdotti incettivi sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-infiq; jistieden lill-Kummissjoni toħloq mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, sabiex ikun jista' jsir paragun tar-rekords kontabilistiċi tat-tranżazzjonijiet fost l-Istati Membri bil-ħsieb li dan jgħin fl-individwazzjoni ta' kwalunkwe frodi transnazzjonali fil-kuntest tal-QFP 2014-2020;

66. Jesprimi t-ħassib tiegħu dwar il-livell ta' kooperazzjoni fost id-diversi strutturi ta' kontroll fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw inizjattivi li jsaħħu l-kapaċità ta' koordinazzjoni bejn l-istrutturi ta' kontroll, speċjalment dawk li jaġixxu fl-ewwel linja ta' kontroll f'kontatt dirett mal-benefiċjarji; jirrimarka li l-frodi u l-korruzzjoni qed isiru dejjem aktar ta' natura transnazzjonali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rakkomandabbiltà tat-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew indipendenti li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li jittieħdu passi biex jiġi żgurat li tkun iċċarata r-relazzjoni bejn l-uffiċċju u l-korpi eżistenti tal-UE u ssir distinzjoni ċara bejn il-kompetenzi rispettivi tagħhom sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet bla bżonn;

Il-protezzjoni tal-munita tal-UE

67. Jilqa' l-fatt li d-Direttiva 2014/62/UE daħlet fis-seħħ fl-2014 u li din tordna li atti mwettqa intenzjonalment, pereżempju l-falsifikazzjoni jew l-alterazzjoni ta' flus, u t-tqegħid ta' flus bħal dawn fiċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll il-kompliċità, l-ġhajnuma u t-tentattivi biex dan isir, jitqiesu bħala reat; jiddeplora l-fatt li l-Belġju, Franza u l-Irlanda baqgħu ma trasponewx din id-Direttiva fit-terminu previst, jiġifieri sat-23 ta' Mejju 2016;

68. Jinnota li, skont il-Bank Ċentrali Ewropew, mill-introduzzjoni tal-euro fl-2002, il-flus foloz kienu kkawżaw telf finanzjarju fl-ammont ta' mill-inqas EUR 500 miljun fl-ekonomija tal-UE sal-2016;

L-informaturi

69. Jenfasizza r-rwol tal-informaturi fil-prevenzjoni, l-individwazzjoni u r-rapportar tal-frodi u l-ħtieġa li jkun protetti; jilqa' l-fatt li fl-2015 il-Kummissjoni nediet il-"Programm ta' Skambju ta' Esperjenzi" sabiex tikkoordina u tiskambja l-aħjar prattiki bil-ħsieb li timpedixxi l-korruzzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;

70. Jenfasizza li l-korruzzjoni u l-frodi għandhom impatt negattiv fundamentali fuq l-interessi finanzjarji tal-UE u, avolja l-UE għandha mekkaniżmu ta' kontroll fuq diversi livelli, ir-rwol ta' individwu huwa assolutament insostitwibbli fl-aktar livell baxx tas-sistema ta' kontroll; jenfasizza li, għal din ir-raġuni, l-informaturi jeħtieġ ikollhom pożizzjoni ċara fl-oqfsa leġiżlattivi tal-UE u tal-Istati Membri li tiddefinixxi b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw livell minimu ta' protezzjoni għall-informaturi Ewropej;

71. Jilqa' l-fatt li l-Parlament, il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-biċċa l-kbira tal-aġenziji tal-UE implimentaw regoli interni li jipproteġu l-informaturi, f'konformità mal-Artikoli 22a, 22b u 22c tar-Regolamenti tal-Persunal, u jistenna aktar titjib f'termini ta' regoli għall-protezzjoni tal-informaturi;

72. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-rwol tal-informaturi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE ⁽¹⁾, u jappella għal implimentazzjoni f'waqtha min-naħa tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tarakkomandazzjonijiet magħmula fiha u jitlobhom jinfurmaw lill-Parlament dwar is-segwitu ta' din ir-riżoluzzjoni; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq b'urġenza proposta leġislattiva dwar il-protezzjoni tal-informaturi sabiex tiġi evitata u miġġielda b'mod effikaċi l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea;

Il-korruzzjoni

73. Jinnota li fl-2015 il-ġlieda kontra l-korruzzjoni baqgħet prijorià fil-qafas tas-Semestru Ewropew u l-proċessi relatati ta' governanza ekonomika; jilqa' l-miżuri meħuda f'din il-ġlieda bħall-organizzazzjoni ta' laqgħat mal-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-Istati Membri, it-tnedija tal-Programm ta' Skambju ta' Esperjenzi għall-Istati Membri, u l-parteċipazzjoni tal-OLAF fisem il-Kummissjoni f'fora Ewropej u internazzjonali kontra l-korruzzjoni;

74. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni m'għadhiex tħoss il-ħtieġa li tippubblika r-rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni, ħaġa li xekklet il-valutazzjoni tal-iskala tal-korruzzjoni fl-2015; jiddispaċih, b'mod partikolari, li din id-deċiżjoni ttieħdet mingħajr ebda diskussjoni mal-Parlament; huwa tal-fehma li, huma x'inhuma l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, din il-kanċellazzjoni tal-aħħar minuta tibgħat messaġġ ħażin mhux biss lill-Istati Membri iżda anke liċ-ċittadini; jinnota li minn meta aderixxiet mal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) fit-12 ta' Novembru 2008, l-Unjoni Ewropea qatt ma ħadet sehem fil-mekkaniżmu ta' rieżami previst skont il-Konvenzjoni, u lanqas ma ħadet l-ewwel pass biex tikkompila l-awtovalutazzjoni ta' kif qed timplimenta l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni; jistieden lill-Unjoni Ewropea tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-UNCAC billi tikkompila awtovalutazzjoni ta' kif qed timplimenta l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni u tiegħu sehem fil-mekkaniżmu ta' rieżami bejn il-pari; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi l-fehmiet tagħha dwar ir-Rapport tal-UE kontra l-Korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi ulterjuri, kemm fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-UE u kemm fil-livell tal-Istati Membri, dwar l-ambjent li fih jiġu implimentati l-politiki, sabiex jiġu identifikati l-fatturi kritiċi intrinziċi, l-oqsma vulnerabbli u l-fatturi ta' riskju li jistgħu jwasslu għall-korruzzjoni;

75. Jitlob li l-UE tressaq l-applikazzjoni tagħha biex tissieħeb fil-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa kemm jista' jkun malajr u li l-Parlament jinżamm aġġornat bil-progress ta' din l-applikazzjoni;

76. Itenni l-fehma tiegħu li l-korruzzjoni hija sfida enormi għall-UE u l-Istati Membri, u li, mingħajr miżuri effikaċi kontriha, il-korruzzjoni ddgħajef il-prestazzjoni ekonomika tal-UE, l-istat tad-dritt u l-kredibbiltà tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Unjoni;

77. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika t-tieni rapport kontra l-korruzzjoni u tippreżenta dawn ir-rapporti b'mod regolari sabiex il-pubbliku jkun infurmat dwar il-kisbiet fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-Programm ta' Skambju ta' Esperjenzi kontra l-korruzzjoni;

78. Jinsab allarmat bir-riżultati ta' riċerka li juru li r-riskju ta' frodi u korruzzjoni huwa ogħla meta l-Istati Membri jkunu qed jonfqu riżorsi Ewropej, partikolarment meta s-sehem tal-finanzjament Ewropew ikun ferm 'il fuq minn 50 % tal-ispejjeż totali; huwa tal-fehma, għalhekk, li f'dawn il-każijiet l-Istati Membri mhumiex konformi għalkollox mal-Artikolu 325(2) tat-TFUE, li jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħalma jieħdu sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom stess; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri japplikaw bis-siħ il-prinċipju tal-Artikolu 325(2) u lill-Kummissjoni tiżgura li l-Membri tabilħaqq jagħmlu dan;

79. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa sistema ta' indikaturi stretti u kriterji uniformi u faċilment applikabbli, abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Programm ta' Stokkolma, biex tkejjel il-livell tal-korruzzjoni fl-Istati Membri u tevalwa l-politiki tagħhom kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa indiċi ta' korruzzjoni b'mod li tikklassifika lill-Istati Membri; huwa tal-fehma li indiċi ta' korruzzjoni jista' jipprovdi bażi tajba li fuqha l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' kontroll speċifiku għall-pajjiżi individwali meta tkun qed tikkontrolla l-infiq tar-riżorsi tal-UE;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2017)0022.

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017*Il-ġurnaliżmu investigattiv*

80. Hu tal-fehma li l-ġurnaliżmu investigattiv jiżvolġi rwol ewlieni fit-trawwim tal-livell meħtieġ ta' trasparenza fl-UE u l-Istati Membri; hu tal-fehma li l-ġurnaliżmu investigattiv għandu jiġi mħeġġeġ u appoġġjat b'mezzi legali kemm fl-Istati Membri kif ukoll fl-UE, u jappoġġja l-azzjoni preparatorja li tistabbilixxi skema ta' għotjiet għall-ġurnaliżmu investigattiv transfruntier, li għandu jitqassam permezz ta' organizzazzjoni intermedjarja, jiġifieri ċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Midja f'Leipzig;

Id-Direttiva PIF u r-Regolament UPPE

81. Jilqa' l-konklużjoni b'suċċess tan-negożjati dwar il-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva PIF), bil-frodi tal-VAT inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha; jinnota li d-Direttiva tiddefinixxi t-tipi ta' mgħiba qarrieqa li għandhom jitqiesu bħala reat u tipprevedi definizzjoni ta' korruzzjoni;

82. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Eurojust⁽¹⁾ li fiha afferma mill-ġdid l-appoġġ tal-Parlament li ilu żmien twil jiffavorixxi t-twaqqif ta' UPPE indipendenti u effiċjenti, sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni attwali tal-isforzi nazzjonali tal-infurzar tal-liġi biex jitħares il-baġit tal-UE; jemmen li UPPE effiċjenti jsahha il-ġlieda kontra l-frodi fl-UE bil-kundizzjoni li dan jingħata d-dispożizzjonijiet legali meħtieġa u jkun jista' jaħdem b'mod effiċjenti ma' korpi eżistenti oħra tal-UE u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri; jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva PIF jiddetermina direttament il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-UPPE; jinnota bi tħassib l-opinjoni diverġenti fil-Kunsill dwar l-UPPE kif previst fl-Artikolu 86 tat-TFUE; iqis li d-dispożizzjonijiet tiegħu mhux qed jiġu implimentati permezz ta' kooperazzjoni msaħħa; huwa tal-fehma li l-UPPE jista' jkun effikaċi biss jekk l-ambitu tiegħu jkopri l-Istati Membri kollha; jistieden lill-Istati Membri jirvedu l-pożizzjoni tagħhom u jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex jintlaħaq kunsens fil-Kunsill;

It-tabakk

83. Jirrimarka d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma ġġeddidx il-Ftehim PMI, li skada fid-9 ta' Lulju 2016; ifakkar li fid-9 ta' Marzu 2016 kien talab lill-Kummissjoni biex ma ġġeddidx, testendi jew tinneogzja mill-ġdid il-Ftehim PMI lil hinn mid-data tal-iskadenza tiegħu; jemmen li t-tliet ftehimiet l-oħra (BAT, JTI u ITL) m'għandhomx jiġġeddu;

84. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fil-livell tal-UE, timplimenta l-miżuri kollha meħtieġa biex tittraċċa u tirrintraċċa l-prodotti tat-tabakk PMI, u tistitwixxi proċedimenti ġuridiċi kontra kwalunkwe qbid illegali ta' prodotti ta' dan il-manifattur sakemm id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk isiru infurzabbli bis-sħiħ, b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda lakuna regolatorja bejn l-iskadenza tal-Ftehim PMI u d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk (TPD) u l-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC);

85. Jinnota li wara t-talba li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2016 rigward il-ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI)⁽²⁾, il-Kummissjoni jeħtieġ tressaq pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk, inkluż il-proporzjon għoli ta' sigaretti bla marka ("cheap whites"); iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta lill-Parlament għal pjan ta' azzjoni bħal dan mingħajr aktar dewmien;

86. Jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni għar-ratifika f'waqtha tal-Protokoll tad-WTO biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk bħala l-ewwel strument legali multilaterali biex tiġi indirizzata l-problema tal-kuntrabandu tas-sigaretti b'mod komprensiv u fuq bażi dinjija, u jappella għar-ratifika u l-implimentazzjoni tiegħu fil-ħin;

87. Ifakkar li s'issa 25 parti rratifikaw l-FCTC, inklużi seba' Stati Membri tal-UE biss u l-UE bħala entità sħiħa; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jirratifikaw il-Protokoll biex Jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0376.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0082.

L-investigazzjonijiet u r-rwol tal-OLAF

88. Jiddispija li, minkejja l-assigurazzjonijiet tal-OLAF li qiegħed jagħmel ħiltu biex iqassar it-tul tal-investigazzjonijiet tiegħu, it-tul tal-fażi investigattiva tiegħu ilu jiżdied b'mod kontinwu mill-2012 minn 22,5 għal 25,1 xahar f'każijiet li nqas u minn 17,3 għal 18,7 xahar fil-każijiet kollha;

89. Jinnota r-rwol tal-OLAF f'operazzjonijiet doganali konġunti (JCOs) differenti fil-prevenzjoni ta' telf għall-baġit tal-UE, u jitlob lill-OLAF jinkludi aktar informazzjoni u ċifri konkreti dwar il-kontribut tiegħu biex jiġi protett il-lat tad-dħul tal-baġit tal-UE fir-rapporti annwali futuri tiegħu;

90. Jesprimi tħassib dwar iż-żieda msemmija fl-aktar rapport annwali reċenti tal-OLAF fl-għadd ta' każijiet ta' frodi transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-użu ta' operazzjonijiet konġunti f'konformità mal-metodi u l-proċeduri li diġà ġew implimentati b'suċċess f'dak li għandu x'jaqsam mad-dwana, u anke f'dak li jirrigwarda l-infiq, abbażi tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013;

91. Jappoġġja l-parteċipazzjoni tal-OLAF fl-aqgħat nazzjonali u internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-frodi, bħalma hu n-netwerk Ewropew ta' punti ta' kuntatt kontra l-korruzzjoni, li f'Novembru 2015 adotta d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar it-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

92. Jirrimarka li saru ħafna passi pożittivi l-quddiem fil-ġlieda kontra l-frodi; jilqa', f'dan il-kuntest, it-twaqqif reċenti ta' unità investigattiva ġdida dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej fi ħdan l-OLAF;

93. Jistieden lill-OLAF iqabbel – fir-rapporti annwali tal-attività tiegħu – ir-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF f'dak li għandu x'jaqsam ma' rkupri finanzjarji mal-ammonti li ġew fil-fatt irkuprati;

94. Ifakkar li, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali reċiproka bejn l-istituzzjonijiet, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-obbligu ta' ċertezza legali, l-OLAF u l-Kumitat Superviżorju tiegħu għandhom jorganizzaw il-kollaborazzjoni tagħhom abbażi tal-protokollu ta' ħidma tagħhom, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet legali applikabbli;

95. Jilqa' l-analiżi li għamlet l-OLAF dwar is-segwitu, min-naħa tal-Istati Membri, tar-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji tal-OLAF maħruġa bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2015 bħala ħarsa ġenerali lejn ir-raġunijiet ewlenin dwar in-nuqqas ta' segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu; jinnota, madankollu, li d-data miġbura fid-dokument tikkonċerna biss ir-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji bla ma tqis ir-rakkomandazzjonijiet amministrattivi, dixxiplinarji u finanzjarji u għalhekk mhijex rappreżentattiva tas-segwitu ġenerali tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF; jitlob lill-Kummissjoni tagħti reazzjoni komprensiva għall-analiżi ppubblikata dan l-aħħar mill-OLAF dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji tal-OLAF min-naħa tal-Istati Membri, u jitlob lill-OLAF iżid kapitolu dwar is-segwitu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport annwali tiegħu; jistieden lill-OLAF, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jipprovdi analiżi dettaljata, inklużi ċifri dwar l-irkupru ta' fondi tal-UE;

96. Jiddeplora l-fatt li kważi terz (94 minn 317) tar-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji tal-OLAF maħruġa bejn l-2008 u l-2015 lill-awtoritajiet kompetenti tqiesu inammissibbli abbażi ta' provi insuffiċjenti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif l-investigazzjonijiet amministrattivi jistgħu jintużaw aħjar f'kawżi ġudizzjarji; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dettaljata rigward ir-raġunijiet għall-inammissibilità, sabiex l-OLAF taġġusta aħjar ir-rakkomandazzjonijiet tagħha għal-liġijiet nazzjonali;

97. Huwa tal-fehma li l-proporzjon ta' rakkomandazzjonijiet tal-OLAF sottomessi lill-awtoritajiet nazzjonali li wasslu għall-ħruġ ta' akkużi (madwar 50%) mhux biżżejjed; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jtejbju l-livell ta' kooperazzjoni tagħhom mal-OLAF; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-OLAF jistabbilixxu kundizzjonijiet li jiżguraw l-ammissibilità tal-provi mressqa mill-OLAF; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-OLAF iwettqu investigazzjonijiet konġunti sabiex jintlaħqu l-aħjar riżultati;

98. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' tmiem il-mandat tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF, tibda minnufih il-proċedura ta' sejħa għal proposti għal Direttur Ġenerali ġdid u tibda l-proċess ta' konsultazzjoni mal-Parlament;

99. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u tressaq proposta dwar it-tisħiħ tas-segħat investigattivi tal-OLAF; jirrakkomanda li l-OLAF għandu jiġi assenjat aktar riżorsi biex ikun jista' jinvestiga ħafna aktar każijiet suspettati rrapportati;

It-Tlieta 16 ta' Mejju 2017

100. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward id-diskrepanza bejn l-informazzjoni li waslet għand l-OLAF mingħand sorsi pubbliċi u dik mingħand sorsi privati fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja inizjattivi mmirati lejn iż-żieda tal-ġbir ta' informazzjoni pubblika, u jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità tad-data pprovduta;

101. Jinnota li, s'issa, ir-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji tal-OLAF kellhom implimentazzjoni limitata fl-Istati Membri; huwa tal-fehma li tali sitwazzjoni hija intollerabbli u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF fl-Istati Membri;

102. Jiddeplora l-fatt li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' xi Stati Membri jqisu li r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF b'rabta mal-infiq ħażin tal-flus tal-UE għandhom prijorità baxxa; ifakkar li, skont l-Artikolu 325(2) tat-TFUE, l-Istati Membri "għandhom jieħdu l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħal ma jieħdu sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom stess";

103. Iqis l-indirizzar tal-kwistjoni tan-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-OLAF bħala prijorità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu inizjattivi biex itejbu l-komunikazzjoni mhux biss fl-istrutturi pubbliċi, iżda anke fost is-soċjetà ċivili fl-Istati Membri u l-OLAF; jisħaq fuq il-punt li dan huwa importanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Istati Membri;

o

o o

104. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Kumitat Superviżorju tal-OLAF.